11 ta' April, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ganni Gauci

**Ubbidjenza għall-Ordnijiet ta' l-Awtorità — Kwistjonijiet Ċivili fi Proċedimenti Penali — Sospensjoni — Terminu.**

*In linea ta' massima, kwalunkwe ordni mogħti mill-Awtorità għal raġuni ta' ġustizzja u ta' sikurezza publika huwa ordni mogħti legalment, u għandu jiġi obdut.*

*Imma meta fi proċediment penali kontra min ma obdiex ordni simili jiġu sollevati kwistjonijiet ta' indoli ċivili dwar ir-responsabilità għall-eżekuzzjoni ta' dak l-ordni, u ma jkunx hemm neċessità imminenti u gravi li dak l-ordni jiġi obdut immedjatament, it-tribunal penali jista' jissospendi l-proċediment sakemm tiġi stabbilita f'sede ċivili l-kwistjoni tar-responsabilità; b'dan illi jiġi mpost lill-parti interessata terminu biex tintavola l-azzjoni opportuna quddiem it-tribunal ċivili għad-definizzjoni ta' dik il-kwistjoni minn dan it-tribunal.*

L-imsemmi Ganni Gauci ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi, wara li kien avżat bil-miktub mill-Pulizija, naqas li jneħħi blata li qiegħda fi stat ta' tiġrif u b'periklu għan-nies u għal ħwejjeġ ħadd ieħor, fi żmien stabbilit, u barra minn dana ma obdiex l-ordni tal-Pulizija;

Bis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 1949, dik il-Qorti sabet l-imputat mhux ħati u lliberatu; għaliex irriteniet illi, la darba biex ieżegwixxi l-ordni l-imputat kien ikun kostrett jinvadi l-proprjetà ta' ħadd ieħor, u ladarba l-ispiża konsiderevoli okkorrenti kien imissu jbati parti minnha anki ħadd ieħor, għalhekk l-ordni ma kienx leġittimu, u seta' ma jiġix obdut;

Il-Prosekuzzjoni appellat fuq il-pont tal-liġi, illi ċ-ċirkustanzi indikati mill-Maġistrat ma kienux tali li jirrendu l-ordni mhux leġittimu;

Din il-Qorti ta' l-Appell, wara li semgħet l-argumenti, u wara li żammet aċċess fuq il-post, irriflettiet;

Il-fatti emersi mill-provi huma dawn. L-imputat għandu din l-art fil-limiti tal-Lunzjata, ir-Rabat, b'ċens tal-Pat-

rijiet Karmelitani ta' l-Imdina. Fl-art ta' l-imputat jidher xaqq kbir fil-massa roċċuża. Dan ix-xaqq, mis-superfiċi, jibqa' japprofondixxi ruħu għal ġewwa għar sottostanti, li qiegħed fi proprjetà ta' ħadd ieħor. Anki kwantu għas-superfiċi tiegħu dan ix-xaqq fil-blat ma jiċċirkoskrivix ruħu għall-art ta' l-imputat, iżda jibqa' sejjer fuq art oħra li, kif almenu "prima facie" jista' jidher minn ħajt, preżumibilment diviżorju, mibni bis-sejjieġħ, hi anki ta' proprjetà aljena;

Ma tidherx għalhekk infondata, "prima facie", il-kontestazzjoni ta' l-imputat illi hemm ħadd ieħor barra minnu li jista' jkun tenut li jirrimedja għall-perikolu hekk denunzjat; u lanqas jista' raġjonevolment jingħad li 'l-imputat ma għandux interess joppòni dina 'l-korresponsabilità ta' ħadd ieħor, meta wieħed iqis illi r-rimedju l-aktar apparentement effiċjenti sa issa suġġerit mit-tekniku jimporta spiża ta' £350, minbarra l-ispiża mhux indifferenti tal-ġarr tal-materjal, jiġifieri ta' 350 jarda kubika ta' blat;

Issa l-Maġistrat ħass l-aggravju ta' l-imputat li, fiċ-ċitazzjoni fuq imsemmija, ġie ċitat biex jagħmel u jbati l-ispiża waħdu, u bbaża l-liberatorja fuq l-illeġittimità ta' l-ordni. Din il-Qorti ma hix persważa b'dan il-motiv, għaliex in linea di massima, kif jesprima ruħu l-Viazzi (Trattato di Diritto Penale, Delle Contravvenzioni, Capo I, Del Rifiuto di Obbedienza all'Autorità), "qualunque ordine dato dall'autorità per ragione di giustizia e di pubblica sicurezza è un ordine dato legalmente". Però, kif irritiena l-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca fil-kawża "La Polizia vs. Colonello Alexander Mc. Kean, C.M.G.", App. Krim. 3 ta' Novembru 1930, f'każ li fih kien hemm similment kwistjonijiet diversi ta' indoli ċivili dwar ir-responsabilità għall-eżekuzzjoni ta' l-ordni tal-Pulizija Eżekutiva, "è intuitivo che l'intervento della Polizia in simili circostanze deve essere determinato e circoscritto da necessità impellente di grave ed imminente pericolo alla vita o alla incolumità personale degli individui, abbenchè in luogo privato, che non potesse essere altrimenti scongiurato fuorchè con un rimedio ed una azione sollecita incompatibile con l'attesa di un giudicato civile......";

Issa, mill-attijiet u mill-fatti akkwiżiti għall-proċess jir-

riżulta illi l-perikolu, li sota' originarjament kien gravi u imminenti, gie issa provviżorjament skongurat b'żewġ fatti: lill-gebilott ta' l-art sottostanti gie interdett mill-Pulizija li jgħammar fil-post, u kwantu għas-superfiċi gie mpoġġi l-"barbed wire". "Rebus sic stantibus", il-perikolu hu skongurat, fil-każ li l-blata tiddistakka ruħha;

Għalhekk, għall-finijiet tal-ġustizzja, fermi dawk il-prekawzjonijiet, jista' jingħata, konformement għal dak li rritjena l-President Mercieca, u l-Imħallef sedenti jikkondividi, il-provvediment infraskritt;

Tħalli l-kawża "sine die", u tipprefiġġi lill-imputat żmien għoxrin ġurnata biex jintavola, in kontestazzjoni ta' l-interessati, azzjoni f'sedi ċivili biex tiġi stabbilita r-responsabilità fil-materja;

Il-Pulizija tista' dejjem tintervjeni fil-kawża, u titlob dawk il-miżuri provviżorji li jidhrilha, jekk ikun il-każ, mit-tribunal ċivili;

Din il-kawża tista' tiġi riappuntata fuq talba ta' min għandu interess, tant jekk l-imputat ma jottempera ruħu ma' dak li hemm fuq preskritt, kemm għal raġuni oħra tajba.